Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Numru: 524/2010

Il-Pulizija

Vs

Dean Falzon

Aaron Falzon

Daniela Anastasi

Veronica Sapiano

Illum, 19 ta' Novembru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati Dean Falzon, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 83782M, Aaron Falzon, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 65982M, Daniela Anastasi, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru: 192681M u Veronica Sapiano, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru: 316494M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**Dean Joseph Falzon:**

talli fis-16 ta' Settembru, 1999 u fil-ġranet ta' qabel din id-data:

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħjar ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) jew minn xi awtorita mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu personali tiegħu;

c. talli f'dawn il-Gżejjer fis-16 ta' Settembru, 1999 u matul dawn l-aħħar ġranet qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu mediċina speċifikata u psikotropika (ectasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u it-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985, kif emendat, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;

d. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi u matul dawn l-aħħar ġranet ikkonsenja mediċina speċifikata u psikotropika (ecstacy) lil xi persuna oħra li ma kienx spizjar diliġenti, jew ma kienx xort' oħra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tiegħu bi ksur tar-Regolament 10(2) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985, kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u it-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att V ta' l-1985, kif emendat;

e. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi fis-16 ta' Settembru, 1999 u matul dawn l-aħħar ġranet assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'dawn il-Gżejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta, jew ippromuova, ikkostotwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 120A(1)(f) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Aaron Falzon**:

talli f'dawn il-Gżejjer, fis-16 ta' Settembru, 1999 u matul dawn l-aħħar ġranet:

a. kellu fil-pussess tiegħu mediċina speċifikata u psikotropika (ecstacy) meta ma kien awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u it-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985, kif emendat, u liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;

b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;

c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi fis-16 ta' Settembru, 1999 u matul dawn l-aħħar ġranet assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-Gżejjer, kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromuova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-

assoċjazzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 22 (1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 120(a) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Daniela Anastasi** u **Veronica Lee Sapiano**

Talli fis-16 ta' Settembru, 1999 u matul dawn l-aħħar ġranet:

assoċjaw ruħhom flimkien ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jitraffikaw f'dawn il-Gżejjer, kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromovew, ikkostiwew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assoċjazzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 120(a) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Daniela Anastasi**

a. talli saqet vettura bil-mutur, cioe' karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni EAU 721, meta ma kinitx fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
b. talli ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputati iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Novembru, 2010 fejn il-Qorti, sabet lil Dean Joseph Falzon hati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Iddikjara li l-ewwel tlett akkużi bħala mezzi għal fini tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli

120A(1)(f)(1A)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 9, 10(1), 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet infraskritti ikkundannatu għal piena ta' tlieta u tletin (33) ġurnata priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' ħames mitt euro (€500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

Fil-konfront ta' **Aaron Falzon**, sabithu ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Tiddikjara li l-ewwel żewġ akkużi bħala mezzi għal fini tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 120A(1)(f)(1A)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 9, 10(1), 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet infraskritti ikkundannatu għal piena ta' tlieta u tletin (33) ġurnata priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' ħames mitt euro (€500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

Fil-konfront ta' **Daniela Anastasi**, sabitha ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 120A(1)(f)(1A)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 9, 10(1), 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3(1A)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet infraskritti ikkundannata għal piena ta' tlieta u tletin (33) ġurnata priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' elf u mitt euro (€1,100). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal ħlas ta' ħames mitt euro (€500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

Fil-konfront ta' **Veronica Lee Sapiano**, sabitha ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 120A(1)(f)(1A)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 9, 10(1), 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet infraskritti tikkundannaha għal piena ta' tlieta u tletin (33) ġurnata priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi

Kriminali u tikkundannaha għal ħlas ta' ħames mitt euro (€500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fis-7 ta' Dicembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellati hatjin tal-akkuzi kollha kif migjuba kontrihom kfi debitament indikati fl-ewwel sentenza; filwaqt li tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti li jirrigwards l-pieni kif imposti kontra l-akkuzati kollha, partikolarment fir-rigward tal-pieni karcerarji ta' tlieta u tletin (33) gurnat kull wiehed u minflok tinfliggi l-piena konttra taghhom skond il-ligi ghar-reati kollha imputati lilhom, inkluz il-hlas tal-multi u tal-ispejjez peritali relattivi ai termini tal-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoi zbaljata tal-ligi u konsegwentement kwantu ghal dak li jirrigwards l-piena erogata minhabba x-xorti jew in-natura taghha, kienet differenti minn dik preskritta mill-ligi ghar-reat li dwaru l-persuna hatja tkun inghatat is-sentenza u dan in vista tal-fatt li l-ewwel Qorti marret ferm taht il-minimum fil-kwantum tal-piena.

Illi fl-ewwel lok u ghal kull buon fini jinghad li dan il-kaz kien dam ghaddej diversi snin minhabba li fil-kors tal-proceduri, l-process tal-kaz in kwistjoni kellu jigi rikostruwit wara li safa mahruq fis-sigrieta tal-Magistrat Antonio Mizzi fit-12 ta' Lulju, 2004. Jirrizulta mill-atti tal-kaz li fis-6 ta' Gunju, 2002 l-Avukat Generali hareg kontro ordni fir-rigward tal-akkuzati kolha fejn gie deciz li l-proceduri in kwistjoni kellhom

jinstemghu u jinqataw mll-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali flok il-Qorti Kriminali.

Illi preliminarjament, fir-rigward tal-aggravju kif migjub l-esponent jissottometti li ai termini tal-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kaptiolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jekk persuna tinstab hatja mill-Qorti tal-Magistrati tal-akkuzi taht l-istess artikolu jehel is-segwenti pieni:

(i) meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt lartikolu 8(*ċ*) ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur taddisposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(*f*), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, bi ksur taddisposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew (1D) jew (lE), priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87); u

(ii) għal kull reat ieħor, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, u f'kull każ li persuna tinsab ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jiġu konfiskati favur il-Gvern, u kull oġġett hekk konfiskat għandu, jekk il-qorti hekk tordna, jiġi distrutt jew isir minnu xort'oħra kif jista' jiġi provdut fl-ordni:

Iżda, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, meta l-persuna akkużata ma tkunx għalqet l-età ta' sittax-il sena u kemm-il darba ma tkunx akkużata flimkien ma' persuna oħra li tkun għalqet l-età ta' sittax-il sena, kull riferenza għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew għall-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandha tiftiehem bħala riferenza għall-Qorti tal-Minorenni:

Din id-dispozizzjoni hija rabbizata prattikament bl-ezattezza fir-rigward ta' dawk is-sustanzi li jaqghu taht l-iskedi u d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-artikolu 120A(2)(b)(i)(ii).

Illi r-reati kif ikkontemplati fil-kaz ta' Dean Joseph Falzon jaqghu kollha fl-ewwel subparagrafu (i) kif hawn fuq kwotat, kemm fir-rigward tal-Kapitolu 101 kif ukoll fir-rigward tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' malta. L-istess jista` jinghad fir-rigward tal-akkuzati l-ohra kollha. Di piu Daniela Anastazi nstabet ukoll hatja talli saqet vettura minghajr ma kellha l-licenzja kif ukoll l-assikurazzjoni fuq il-vettura kif misjuqa, liema ksur tal-ligi japplika ai termini tal-Kapitoli 65 u 104 tal-Ligijiet taghha rispettivament.

Illi kwindi jekk naghmlu referenza ghad-dicitura kif hawn fuq ikkwotati huwa car daqs il-kristall illi l-inqas piena li l-Qorti setghet taghti huwa ta' sitt xhur prigunerija u f'ebda mod ma setghet tinzel inqas minn hekk lanqas bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Filfatt il-Qorti hija prekluza f'dan is-sens ai termini tal-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 u 120A(7) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' malta li entrambe jinqaraw kif gej:

Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(*a*)(i) jew fis-subartikolu (2)(*b*)(i):

Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:

Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan.

Illi m'hemm l-ebda dubbju li mill-fatti tal-kaz li rrizultaw c-cirkostanzi f'ebda hin u mod ma kienu jindikaw it-traffikar ai fini tax-'sharing' tas-sustanza. Johrog ampjament car mill-provi, kif rikonoxxut minn l-Ewwel Onorabbli Qorti li s-sustanza kienet intiza ghal persuna ohra u cioe` beix tigi ttrafikata mill-akkuzati de quo, apparti l-assocjazzjoni skond id-definizzjoni taghha kif moghtija skond il-paragrafu (f) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 u l-paragrafu (f) tal-artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' malta li huwa identiku. Kwindi lanqs ma jista` jigi argumentat li l-akkuzati setghu igawdu mill-evvezzjoni kf hawn fuq provduta. B'hekk m'hemm l-ebda dubbju li l-Qorti f'ebda mod koncepibbli ma setghet qatt tapplika piena karcerarja ta' tlieta u tletin gurnata kif filfatt ghamlet. L-inqas piena possibbli kieent dik ta' sitt xhur prigunerija.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepti l-Ewwel Onorabbli Qorti wasslet sabiex timponi l-piena kif erogata kontra l-akkuzati a bazi tal-fatt illi l-akkuzati ikkoperaw mal-pulizija, l-involviment ta' Daniela Anastasi u Veronica Lee Sapiano huwa wiehed 'de minimis' u l-fatt li ghaddew diversi snin minn meta' l-akkuzati ikkommettew dawn ir-reati u llum il-gurnata dawn irrangaw hajjithom u qabdu t-triq it-tajba, liema rotta m' ghandiex titharbat. Madankollu jigi sottomess li filwaqt li dan

huwa kollu minnu, dan f'ebda mod ma jiggustika li l-Qorti tmur taht il-minimum bl-estremita kif ghamlet l-eewwel Qorti. Ma rridux ninsew li l-akkuzi kif migjuba huma kunsidrati tant serji li sahansitra ma tistax tigi applikata is-sentenza sospiza, l-ordni tal-probation jew l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali li tippermetti nzul taht il-minimum fil-piena fl-eventwalita` ta' cirkostanzi straordinarji li jridu jigu gustifikat mill-Qorti li qed tapplika din id-dispozizzjoni u li jridu effettivament jirrizultaw fid-dicitura tas-sentenza.

Illi apparti minn dawn il-'gustifikazzjonijiet', l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza Pulizija vs Marco Galea fejn sahqet illi c-cirkostanzi f'dan il-kaz kienu identici ghal-kaz de quo u fejn hemmhekk l-akkuzat kien gie kkundannat biss ghal gimghatejn prigunerija. B' kull rispett pero`, ic-cirkostanzi tal-kaz imsemmi m'humeix l-istess bhal ta' dan il-kaz u dan peress li l-ewwel Qorti kienet applikat il-proviso tat-traffikar permezz tax-'sharing' fejn fuq appell tal-Avukat Generali, il-Qorti tal-Appell kienet skartat li din kienet tapplika. Sussegwentement meta l-Qroti tal-Appell giet biex tistabilixxi l-piena, dik il-Qorti kkundannat lil Marco Galea il-piena ta' sitt xhur izda dik l-istess Qorti ghamlet rakomandazzjonijiet taghha sabiex ikun hemm il-prerogattiva tal-mahfra u fifatt il-Qorti tal-Appell filwaqt li mponiet il-piena ta' sitt xhur fil-minimum kif kienet obbligata li taghmel, dakinhar stess intrabtet sabiex tirrakomanda lill-awtoritajiet mehtiega (il-President ta' Malta) sabiex il-piena ta' sitt xhur kif imposta minn dik l-istess Qorti tinhafer u dan peress li Marco Galea kien dawwar hajtu ghal kollox tul id-dversi snin fil-provedura, liema dewmien ma kienx ikkawzat minnu.

Illi b'hekk il-mudell uzat mill-ewwel Qorti sabiex timponi piena fil-proceduri odjerni ma ntuzatx korrettement peress illi fil-kaz kontra Marco Galea kien hemm filfatt piena ta' sitt xhur priguenerija u mhux ta' gimghatejn. Huwa minnu li din kienet segwita minn rakomandazjo0ni tal-mahfra presidenzjali li giet accettat u li hafret il-qbija tal-piena (ta' sitt xhur) favur l-akkuzat Marco Galea. M'hemm l-ebda dubju pero` li tali

mahfra jew riduzzjoni fil-piena b'mod daqstant drastiku, ma tistax issir b'mod awtomatiku mill-Qorti stess u wisq inqs minn Magistrat u dan peress li l-Kodici Kriminali taghna taghti d-dritt ghal tali rakomandazzjoni lill-Imhallfin:

494. Kull imhallef li jkun qaghad f'kawza jista` jirrakomanda lill-President ta' Malta il-persuna ikkundannata ghall-mahfra jew ghat-tnaqqis tal-piena, billi jaghmel ghaldaqsekk rapport bil-miktub imsahhah bir-raguni ta' dik ir-rakkomandazzjoni.

Kwindi l-ewwel Qorti fil-kaz de quo, kienet obbligata li timxi fuq il-parametri tal-pieni tal-kapitoli 101 u 31 tal-Ligijiet ta' Malta skond id-dispozizzjonijiet kif hawn fuq ikkwotati u timponi piena f'dawk il-parametri minghajr ma tmur taht il-minimum kif preskritt mill-ligi. B' hekk m'hemm l-ebda dubbju li l-pieni tal-erba` akkuzati f'dan il-kaz ma nghatatx skodn il-ligi u ghandha tigi riveduta.

Ikkunsidrat,
Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellati bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta jew kwantita taghha dik ikkontemplata fil-ligi.

Illi din il-Qorti tqies illi l-Avukat Generali ma ghandux ragun ghal kollox fil-lanjanza imressqa minnu diretta lejn il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex ghalkemm ma hemmx dubbju illi ghar-reati li dwarhom it-tlett appellati gew misjuba hatja, u dan wara ammissjoni maghmula minnhom fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2010 u cioe' hdax-il sena wara li kienu inbdew il-proceduri penali fil-konfront taghhom, il-minimu tal-piena kellha tkun dik ta' sitt xhur prigunerija u il-multa ta' €466, madanakollu kien hemm fatturi ohra f'dan il-kaz li kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena. Errat l-Ewwel Qorti biss meta fil-parti decizorja ma indikatx id-disposizzjonijiet kollha tal-ligi li jirriflettu il-piena li imbaghad giet erogata.

Maghdud dan, jidher illi fil-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tinzel fil-piena erogata taht il-minimu preskritt bil-ligi hija elenkat diversi fatturi fosthom illi l-akkuzati, appellati odjerni, kienu saru membri onesti u biezla tas-socjeta, qed jahdmu u anke bdew familja, oltre illi huma ikkoperaw mal-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet u kienu ta' eta' zghira. Dan ghaliex tnejn minnhom sahansitra kienu minuri. Izzid ukoll is-sentenza impunjata illi fir-rigward taz-zewg appellati Anastasi u Sapiano, l-involviment taghhom kien "de minimis" meta imqabbel ma' dak ta' shabhom, illi l-fedina penali ta' tlieta minnhom kienet wahda nadifa, kif ukoll illi bit-trapass taz-zmien minn meta tressqu il-Qorti l-appellati kollha bnew hajja gdida u allura piena karcerarja anke jekk fil-minimu taghha kienet twassal fi kliem l-Ewwel Qorti stess, ghal "riskju reali li jigu rovinati l-hajjiet ta' dawn l-erba min-nies." Illi dawn il-fatturi jew ahjar "mitigating circumstances" imsemmija mill-Ewwel Qorti, ghadhom applikabbli b'iktar sahha illum u dan billi ghadda iktar zmien u l-erba appellati illum huma rgiel u nisa maturi li ghandhom hajja stabbli fis-socjeta. Illi ghalkemm ma tissemmiex fid-decizjoni impunjata, l-Ewwel Qorti, madanakollu, ma setatx tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali fil-kalibrazzjoni tal-piena inflitta billi din is-setgha hija espressament eskluza bil-ligi kemm fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll fil-Kapitolu 31[1]. Dak li kellha tapplika l-Ewwel Qorti ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz kellhom ikunu d-disposizzjonijiet tal-artikoli 29 tal-Kapitolu 101, liema disposizzjoni tal-ligi hija reza applikabbli ghar-reati ikkontemplati fil-Kapitolu 31 u dan permezz tal-artikolu 120A(2B), u l-artikolu 37 fir-rigward taz-zewg imputati, illum appellati Dean Falzon u Aaron Falzon billi dawn kienu minuri fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat.

Illi allura meta l-Avukat Generali jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u dan kwantu ghal piena erogata minhabba x-xorta u n-natura taghha billi din kienet differenti minn dik preskritta fil-ligi, huwa ma ghandux ragun. Il-Qorti hija tal-fehma illi dan l-appell seta jigi evitat bl-applikazzjoni tal-buon sens u l-

[1] Artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 u l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101

pratticita'. Dan ghaliex kif ser jinghad il-piena erogata kienet fil-parametri tal-ligi, madanakollu d-disposizzjonijiet tal-ligi korretti li kellhom jigu applikati ma gewx indikati fil-parti decizorja tas-sentenza impunjata. Illi dan ma igibx in-nullita tas-sentenza appellata, u dan ghaliex l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 ghalkemm jirrikjedi li s-sentenza jkun fiha l-artikolu tal-Kodici jew ta' xi ligi ohra li jkunu jikkontemplaw r-reat, ma isemmiex illi ghandhom jigu indikati l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw il-piena, x'aktarx ghaliex fil-maggior parti tar-reati li jitkellem dwarhom id-dritt penali, il-piena tkun komminata fl-istess disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat. Illi fil-kaz in dizamina kemm l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta huma disposizzjonijiet tal-ligi li jitkellmu dwar il-kalibrazzjoni tal-piena u kwindi n-nuqqas ta' indikazzjoni taghhom ma twasalx ghan-nullita tad-decizjoni appellata. Fil-fatt fis-sentenza Il-Pulizija vs Trevor Farrugia gie deciz illi:

**"L-artikolu li jikkontempla l-piena la hemm bzonn li jigi indikat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju u lanqas fis-sentenza."**

Illi ma hemmx dubbju illi mic-cirkostanzi straordinarji ta' dan il-kaz, l-Ewwel Qorti ghamlet sew meta applikat l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali li wassalha ghal applikazzjoni tal-minimu tal-piena ghar-reati indikati fl-akkuza, u cioe' dik ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' €465.87. Illi mill-atti jirrizulta illi l-appellati qed jiffaccjaw akkuzi li jirrisalu ghas-sena 1999 meta huma kienu ghadhom zghazagh. Illi dawn il-proceduri jidher illi twalu minhabba incident li sehh fil-bini tal-Qorti fejn kienet inharqet b'mod doluz is-sigrieta u l-awla tal-Magistrat li kien qed jippresjedi il-kaz u allura ghadda certu zmien sakemm l-atti setghu jigu rintraccjati u rikostruwiti, tant illi jidher illi ghalkemm l-appellati ma kenux irregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, ghamlu dan finalment wara it-trapass ta' hafna snin meta imbaghad kienu immaturaw u bnew hajja gdida fis-socjeta. Dan huwa rifless b'mod car u spjegattiv fis-*social enquiry reports* li kienu thejjew fir-rigward ta'l-appellati mill-Ufficjali tal-Probation John Testa u Carmen Nygaard minn fejn jirrizulta illi l-appellati avvanzaw anke fil-kwalifiki akkademici taghhom, sabu impjieg fiss, qed ighixu hajja 'il boghod mill-vizzji u uhud

minnhom illum anke ghandhom familja. Fuq dan jidher illi l-Avukat Generali qieghed jikkonkorda.

Izda kif jirrizulta ampjament mill-atti fil-konfront ta'l-appellati Falzon, hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi f'kaz ta' minuri minn sittax-il sena sa tmintax-il sena, il-piena applikabbli ghal reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Illi ghalhekk fil-konfront ta' dawn iz-zewg appellati b'applikazzjoni ta'l-artikolu 31(1)(xiv) u (xv), il-piena tinzel sa minimu ta' xahar.

Illi jirrizulta mill-atti ukoll kif mistqarr mill-ufficjali prosekuturi illi l-appellati assistew lill-pulizija fl-investigazzjonijiet fejn sahansitra kif johrog mill-bidunett tal-proceduri, tlieta mill-appellati u cioe' Aaron Falzon, Veronica Lee Sapiano u Daniela Anastasi irrilaxxjaw xhieda guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta[2] biex b'hekk setghu jibbenefikaw mid-disposizzjoni ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101, kif rez applikabbli ukoll ghall-Kapitolu 31 bis-sahha ta'l-artikolu 120A(2B), b'dan ghalhekk illi anke f'dan il-kaz il-piena ghandha tinzel bi grad wiehed jew tnejn biex b'hekk allura mill-piena ta' sitt xhur minimu, din ukoll fil-kaz taz-zewg akkuzati Sapiano u Anastasi, ghandha tkun dik ta' xahar prigunerija effettiva. Illi jirrizulta ukoll illi l-appellata Daniela Anastasi qed tiffaccja akkuzi ikkontemplati fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-vettura, li fiha gew intercettati iz-zghazagh kienet qed tinstaq minnha u dan minghajr ma kienet koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni kontra ir-riskji. Illi l-piena applikabbli ghal dan ir-reat hija dik li kienet *in vigore* fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat u cioe' ta' multa ta' Lm250 ekwivalenti ghal madwar €582.50, bil-pieni jigu awmentati biss fl-2002 bl-Att XXX. Allura anke il-multa inflitta fuq l-appellata Anastasi kienet ukoll fil-parametri tal-ligi.

Stabbilt dan fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghal dan il-kaz, kif diga inghad jidher illi l-Avukat Generali ma ghandux ragun fil-lanjanza minnu imressqa u

[2] Ara verbal a fol. 11 tal-process

cioe′ illi l-Qorti ghamlet xi enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi meta erogat piena mhux prevista fil-ligi billi kif spjegat jidher illi l-piena ta′ tlieta u tletin gurnata prigunerija bil-multa kif erogata kienet fix-xorta u fil-kwantita taghha dik ikkontemplata ghar-reati li dwarhom kienu gew misjuba hatja l-appellati.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur